# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2284

Kaz Nru: 2954 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Emanuel Grogan

u

Wembley Motors Ltd

Illum: 10 ta' April, 2014

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta'rikors mill-Avukat Dr John Vassallo fil-31 ta' Awwissu 2011 f'isem ir-rikorrenti Emanuel Grogan. Ftit wara beda jidher ghar-rikorrent l-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey. Ir-rikorrent beda jahdem full-time mas-socjeta' ntimata fit-2 ta' Lulju 2007 u t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret béffett mill-1 ta' Mejju 2011.

Fir-rikors ir-rikorrent tenna li s-socjeta tterminat l-impjieg ghax kien hemm ragunijiet dixxiplinarji li jiggustifikaw tkeccija izda ir-rikorrent dejjem sostna li ma seta kien hemm l-ebda raguni simili li tiggustifika t-tkeccija tieghu.

Ir-rikorrent ghaldaqstant qed jitlob li dan it-Tribunal biex jiddikjara li t-tkeccija kienet wahda ngusta skont il-ligi u jiehu l-provedimenti kollha dovuti nkluz kumpens.

Da parti taghha s-socjeta ntimata ddikjarata li l-allegazzjonijiet li t-tkeccija saret b'mod ingust u minghajr raguni valida huma nfondati. Is-socjeta ntimata kompliet issostni li t-tkeccija tar-rikorrent kienet wahda gusta u li l-allegati azzjonijiet tar-rikorrent jimmeritaw kawza gusta ta' tkeccija skond il-ligi.

**Fatti**

Ir-rikorrent gie mpjegat mas-socjeta ntimata bhala driver fuq bazi full-time fit-2 ta' Lulju 2007 wara li kien ilu hdax is-sena jahdem part-time ma l-istess socjeta.

Fis-26 ta' April 2011 inghata warning mis-socjeta ntimata bbazat fuq tlett incidenti segwenti:

1. 2 ta' april 2011 – Ms Kelly minn Pembroke ghal Paceville.
   Ms Kelly cemplet ghal taxi fis 7:40pm u s-Sur Sandro Camilleri, li jikkoordina mil-bazi, baghat lir-rikorrent biex jigbor lil Ms Kelly. Fid-dikjarazzjoni tal-kaz ir-rikorrent qal li nbaghat meta kienu ga daqqu t-8:00pm. Fil-fatt dan kompla jiddikjara li ma sabhiex hemm. Ir-rikorrent avza l-bazi izda s-socjeta sostniet li r-rikorrent kien gabarha u wassalha Paceville. Ir-rikorrent innega dan.
2. 13 ta' april 2011 – Mrs Rockwood minn Prince of Wales ghall -Preluna Hotel.
   Ir-rikorrent iddikjara nbaghat biex minn San Giljan sa Prince of Wales biex jigbor lil Mrs Dreyer u jehodha l-Preluna Hotel. Ir-rikorrent gie akkuzat li l-ewwel ha lil certu Ms Rockwood minn San Giljan sal-Preluna Hotel, u wara mar ghal Mrs Dreyer go Prince of Wales. Ir-rikorrent sostna fid-dikjarazzjoni tieghu li hu wasal biex jigbor lil Mrs Dreyer fis-7:25pm u li ghalhekk kien impossibli li ghamel vjagg iehor f'hin traffikuz hafna u li ghamlu f'ghaxar minuti.
3. 24 ta' April 2011 – Bonavita Street, Sliema ghal Msida.
   Ir-rikorrent hawnhekk gie akkuzat li kien gabar persuna minn tas-Sliema u hadha l-Msida u li meta hallsitu zamm il-flus ghalih. Skond ir-rikorrent il-24 ta' April 2011 kien l-Ghid il-Kbir u li hu kien bil-leave mit-22 ta' April 2011.

Meta r-rikorrent inaghta l-warning (Dok 'A') dan gie mitlub biex jiffirmah inkella ma jidholx izjed ghax-xoghol. Dan intqal lir-rikorrent mis-Sur John Grech, l-accountant tas-socjeta ntimata. Il-warning kien datat 26 ta' April 2011. Jumejn wara, r-rikorrent mar il-labour office bil-warning fejn qalulu li m'hemmx terminazzjoni u ghalhekk kellu jigi mhallas tal-granet imsemmija fil-warning. Skond ir-rikorrent tal-labour office cemplu lil John Grech fuq dan. fit-30 ta' April 2011, ir-rikorrent ghadda il hinijiet lil John Grech u l-paga waslitlu korretta gimgha wara.

Fit-2 ta' Mejju 2011 ir-rikorrent mar ghand John Grech biex jara kif se jibqa. Hu talbu jiffima formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ibbazata fuq 'tkeccija b'dixxiplina'. Ir-rikorrent irrifjuta u Grech tah kopja. Ir-rikorrent qatt ma ffirma l-formola fuq parir legali.

It-terminazzjoni tar-rikorrent giet registrata b'effett mill l-1 ta' Mejju 2011 u l-istess Grech iffirmha fl-10 ta' Mejju 2011.

Ir-rikorrent kompla jiddikjara li qatt qabel ma nghata warning u li fis-26 ta' April 2011 gie nfaccat b'warning tripplu u li 'dahlu hafna rapporti' liema rapport r-rikorrent ma kienx jaf bihom u li hadd ma qallu bihom.

Ir-rikorrent sostna li ma naghtax l-opportunita li jwiegeb ghal warning u li Grech tefghu l-barra wara li r-rikorrent dehrlu li ma jiffirmax il-warning. Anke minkejja li l-konkluzzjoni tal-warning kienet li s-socjeta ntimata kienet lesta li taghti lir-rikorrent l-ahhar cans u li jekk ikun hemm kaz iehor l-impjieg jigi terminat minnufieh. Xorta l-impjieg gie terminat minnufieh.

Minn naha taghha s-socjeta ntimata ddikjarat li t-tkeccija kienet wahda gusta u li l-allegazzjonijiet dikjarati mir-rikorrent huma nfondati. Is-socjeta ntimata sostniet illi ghandha provi li f'diversi okkazzjonijiet ir-rikorrent ma kienx jghaddi l-flus lid-dispatchers kif kien mitlub. Is-Sur Emanuel Bonello – Direttur tas-socjeta, kompla jiddikjara li r-rikorrent qatt ma ammetta li kien qed jisraq lis-socjeta u li qatt ma ghabba passiggieri minghajr ma ddikjarhom lid-dispatchers. Skond is-socjeta, mill-warning datat 26 ta' April 2011 jirrizulta li r-rikorrent mhux biss naqas li jirraporta kull vjagg imma wkoll li kien qed izomm il-pagamenti ghalih. Ukoll ir-rikorrent gieli naqas meta kien jiehu l-leave bla permess kif jindika Dok.B. Illi ghalkemm kien hemm diversi twissijiet u biex ihallas lura l-fondi li zamm, ir-rikorrent dan ma ghamlux kif jindika Dok.C. Kien ghalhekk li minhabba dan l-agir, skond is-socjeta, illegali, negligenti u arroganti tieghu, li l-impjieg gie tterminat.

Is-socjeta kompliet tiddikjara li l-abbuzi tar-rikorrent jammontaw ghal reati kriminali ta' frodi u serq u li s-socjeta ma haditx dawn il-passi, u li min fuq, ir-rikorrent qed jiehu l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal bl-intenzjoni li jizgwidu l-istess Tribunal.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrent, Emanuel Bonello, Pierre Bonello – Diretturi Wembley Motors, John Grech – Accountant Wembley Motors Ltd, Bernard Camenzuli – Dispatcher Wembley Motors, Paul Dimech – Driver/Dispatcher, Wembley Motors u Laurence Falzon – Base Coordinator, Wembley Motors. Gew ukoll esebiti diversi dokumenti relatati mal-kaz.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-tkeccija kienetx wahda gusta fic-cirkostanzi kif graw b'mod specjali kif imxiet is-socjeta mill-lat ta' procedura dixxiplinarja biex waslet ghat-tkeccija anke vis-a-vis provi ta' l-akkuzi kif graw.

Fix-xhieda hareg li s-socjeta kien qed ikollha certu dubji fuq ir-rikorrent li kien jaghbbi n-nies fit-Taxi u l-flus jehodhom hu. Dawn l-allegazzjonijiet, skond id-diretturi tas-socjeta ntimata bdew xi sitt xhur qabel ir-rikorrent gie tterminat.

Id-diretturi qalu fix-xhieda li dejjem riedu jaghtu cans iehor lir-rikorrent u ghalhekk ma nhargux iktar warnings qabel dak tas-26 ta' April 2011 ghax kienu jhennu ghalih. Min naha l-ohra, is-socjeta ma deherx li kellha provi konkreti fejn setghet harget warnings. Fil-fatt ir-rikorrent, wara hdax-il sena fl-impjieg qatt ma jidher li nhargulu warnings qabel dak tas-26 ta' April 2011.

Ix-xhieda provduti mis-socjeta ripetutament xehdu li s-socjeta kienet hanina mar-rikorrent tul l-impjieg fejn kien hemm diversi drabi li agixxa b'mod negligent u anke kien hemm dubji serji ta' frodi izda dawn ma gabu l-ebda provi konkreti jew kienu nhargu warnings biex jirrekordjaw l-agir allegat.

It-Tribunal issa jigi biex jezamina l-warning (Dok.A.) propju li nhareg nhar is-26 ta' April 2011 li wasal ghat-tkeccija ghax huwa ta' mportanza kbira fil-kaz.

Dan il-warning inhareg lir-rikorrent fejn semma t-tlett kazijiet li gew spjegati aktar 'il fuq.

Il-warning ma giex iffirmat mis-socjeta kif wiehed normalment jistenna, u kellu spazju fejn ried jiffirma r-rikorrent. Haga li ma tmurx mal-prassi normali.

Anzi normalment jinhareg 'charge' fejn ir-rikorrent jinghata cans iwiegeb u wara tinhareg decizjoni f'forma ta' dixxiplina eg. Warning, sospensjoni jew tkeccija, jew anke jaqghu l-akkuzi, dejjem skond il-kaz.

Ukoll fl-ahhar ta' dan 'imsejjah' warning kien hemm miktub li s-socjeta kienet se taghti lir-rikorrent l-ahhar cans fejn jekk ikun hemm kaz iehor biss l-impjieg jigi tterminat minnufih'.

Wara li nhareg dan 'it-tip' ta warning is-socjeta ntimata ordnat lir-rikorrent biex jiffirmah li dan irrifjuta. Wara li kien hemm dan ir-rifjut is-socjeta tterminat l-impjieg tar-rikorrent. Fix-xhieda hareg relatat ma dan, li mhux l-ewwel darba li xi haddiema irrifjutaw li jiffirmaw warning u ma kienx hemm konsegwenzi ta' tkeccija jew xi forma ohra ta' dixxiplina.

Fit-Trattazzjoni finali taghha s-socjeta ntimata sahqet li kien hemm diversi drabi fejn ir-rikorrent b'mod konsistenti kien qed jonqos li jghaddi l-flus lis-socjeta ntimata. Gie mwissi diversi drabi u rrifjuta li jiffirma l-warning tas-26 ta' April 2011. Is-socjeta semmiet il-kas ta' Ms Kelly fejn ir-rikorrent ma kienx ghadda l-flus lis-socjeta tant li fit-21 ta' April 2011 u ma ghaddiex flus u ghaddiehom tlett ijiem wara. Ir-rikorrent qatt ma spjega ruhu fuq dawn l-allegazzjonijiet u safrattant is-socjeta qatt ma ghamlet rapport lil Pulizija. Huwa qatt ma biddel l-attitudini u dejjem cahad. Mhux biss, imma flok gharaf li s-socjeta ma haditx passi kriminali hu fetah dan it-Tribunal bi pretenzjonijiet favorih.

Fit-Trattazzjoni finali tieghu r-rikorrent sostna li f'sittax il-sena fl-impjieg (inkluzi s-snin part-time) l-ewwel warning li qala' ir-rikorrent kien fis-26 ta' April 2011, erbat íjiem qabel it-tkeccija. Din it-twissija, kompla r-rikorrent, kienet iktar qisha kwistjoni ta' akkuzi, tlieta f'wahda. Illi qatt qabel is-26 ta' April 2011 kien gie formalment akkuzat b'xi haga. Illi Emanuel Bonello- Direttur li ha d-decizjoni tat-tkeccija sostna fix-xhieda li ma riedx ikeccieh. Tah warning, u r-rikorrent ma accettahx filwaqt li qal li r-rikorrent qatt ma ammetta li ha xi flus izda xorta keccieh ghax ma ffirmax il-warning.

Ir-rikorrent kompla li hadd qatt ma zamm lis-socjeta milli taghmel rapport lil Pulizija. Fill-fatt zgur ma kienux kazi ta' Pulizija ghax l-istess Direttur li keccieh ma riedtx ikeccieh, u keccieh ghax ma ffirmax il-warning.

Ir-rikorrent kellu kull dritt ma jiffirmax il-warning.

Ir-rikorrent saqsa ghalfejn lil Ms Kelly ma gabuhiex tixhed? U qal lil Pawlu Dimech? Ir-rikorrent ghaldaqstant qal li l-ispjega li ta kienet gustifikata u kif kienet ukoll fiz-zewg kazi l-ohra. Ir-rikorrent ghalaq billi fakkar kemm is-socjeta gabet allegazjonijiet ta' frodi kontra r-rikorrent izda minghajr l-icken prova u waslet biex tohrog speci ta' warning u keccietu ghax ma ffirmahx.

Dan permess, it-Tribunal jikkunsidra li:

It-Tribunal jaghraf li r-rikorrent, mid-diversi allegazzjonijiet fix-xhieda guramentata u mid-dokumentazzjoni, setgha ma kienx xi haddiem ezemplari u ta' fiducja u t-Tribunal jemmen li s-socjeta vera setghet kienet hanina mar-rikorrent. Izda s-socjeta ntimata kienet biss kapaci li tohrog 'speci' ta' warning wiehed biss fi hdax il-sena ta' mpjieg full-time. Liema 'speci' ta' warning kien jinkludi fil-konkluzjoni tieghu li s-socjeta kienet se ttieh cans iehor lir-rikorrent. Izda ghax ir-rikorrent ma ffirmax dan il-warning, kif inhu dritt tieghu, keccietu.

Dan mhux il-mod kif socjeta ghandha timxi fil-bini ta' kaz dixxiplinarju li jwassal ghal tkeccija. Saru diversi allegazzjonijiet, izda l-provi kienu konfuzzjonarji u s-socjeta setghet kienet ferm aktar professjonali fit-tmexxija ta' proceduri ta' dixxiplina matul l-impjieg tar-rikorrent.

**Decizjoni**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomisjonijet tal-partijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi li t-tkeccija kienet wahda ngusta u li hemm lok li r-rikkorenti jinghata kumpens liema kumpens, ghal ragunijiet li gharaf it-Tribunal, se jkun biss ta' elfejn tlett mija u tletin euro (€2,330.00)

Dan il-kumpens ghandu jithallas mis-socjeta ntimata fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal-finijiet tal-kap 452 tal-ligijet ta' Malta rigwardanti d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja